MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 1812/1998/1

**Registatur tal-Qrati**

**Vs**

**Patricia May Dingli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghadhiex tkun ikkundannata ghal disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti u kkundannata ghall-pieni stabbiliti fit-Titolu XV11 tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12.), peress li meta gie il-Marixxall Carmel Degiorgio, fit-8 ta’ Gunju 1998, fil-fond 71, Triq Cornelio Dingli, l-Isla, biex jeleva l-oggetti gja’ maqbuda bil-mandat ta’ qbid numru 2310/97 fl-ismijiet “Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited –vs- William Dingli” il-konvenuta ma hallietx lill-Marixxal, anke’ wara li spjegalha l-konsegwenzi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hi tista' tigi mgieghla tidher biex twiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-esponenti bl-ebda mod ma insultat il-marrixxal fil-qadi ta' dmirijietu.
2. Illi l-affarijiet li gew maqbuda bil-mandat inkwistjoni huma propjeta esklussiva tal-esponenti tant li l-Qorti kienet tat permess lill-esponenti tissospendi subbasta stante li hemm prova li l-affarijiet huma taghha.
3. Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost jekk ikun il-kas li l-esponenti tinsab hatja ta' xi dispezz lejn l-awtorita tal-Qorti l-piena ghandha tkun fil-minima taghha anke tenut kont tal-posizzjoni finanzjarja prekarja li l-esponenti tinsab fiha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsdirat</u>

Illi l-Marrixxal involut, <u>Carmel Degiorgio</u> (fol 24 u fol 44 et seq ibid) spjega li, fit-8 ta' Gunju 1998, hu kien mar fir-residenza tal-konvenuta sabiex <u>jeleva</u> oggetti mobili li kien <u>di gja maqbudin</u> fl-istess residenza permezz tal-mandat ta' qbid esekuttiv numru 2310/97, imsemmi fl-avviz (ara fol 31 sa fol 36 ibid), liema mandat kien inhareg kontra bin il-konvenuta, William Dingli. Hawnhekk il-konvenuta kienet informat lill-istess xhud illi l-oggetti in kwistjoni kienu jappartjenu lilha u mhix lil binha. Wara li spjega lill-konvenuta x'rimedju setghet tesercita in rigward dan li ghadu kemm intqal, l-istess konvenuta bdiet tghajjat "… u rrifjutat li taghmel dan" u difatti l-elevazzjoni tal-istess oggetti ma saritx minhabba l-agir u imegiba tal-konvenuta li kienet qed <u>topponi l-elevazzjoni taghhom</u> (ara ukoll fol 46 ibid).

Illi l-konvenuta (fol 65 ibid) cahdet li heddet, jew b'xi mod impediet lill-Marixxal tal-Qorti milli jaghmel dmiru.

Ikkunsidrat

Illi, pero', jidher car u evidenti illi l-Marixxal Carmel Degiorgio ma kienx eleva l-oggetti in kwistjoni minnha l-opposizzjoni illegali da parti tal-konvenuta u ghalhekk din ikkomettiet disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti u ghalhekk ghandha tinghata l-piena skond il-ligi in proporzjoni ghall-imgieba taghha kif deskritta mill-Marixxal involut u a basi tal-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biss in vista li ma jidhirx li l-Marixxal kien soggett ghal xi ingurja kif hemm indikat fl-artikolu 995 ibid.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' Lm20 bhala ammenda peress li kkomettiet disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti, kif ukoll tal-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------